



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

21.4.2015

B8-0361/2015

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-suspetti ta' minimizzazzjoni aggressiva tat-taxxa min-naħa ta' McD  
Europe Franchising Sàrl

**Jean-François Jalkh, Bernard Monot, Louis Aliot, Nicolas Bay, Jean-Luc  
Schaffhauser, Steeve Briois, Mylène Troszczynski**

RE\1058716MT.doc

PE555.128v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-suspetti ta' minimizzazzjoni aggressiva tat-taxxa min-naħa ta' McD Europe Franchising Sàrl**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999<sup>1</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 784/2004 tal-21 ta' April 2004<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva<sup>3</sup> u l-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Marzu 2015 dwar it-trasparenza fiskali kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2015 dwar it-twaqqif ta' kumitat speċjali dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili, is-setgħat, is-saħħa numerika u l-mandat tiegħu<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi l-Kummissjoni qed tinvestiga dwar il-prattiki fiskali tal-Lussemburgu fil-konfront ta' Fiat Finance and Trade<sup>6</sup> u ta' Amazon<sup>7</sup>;
  - B. billi, skont studju, hemm suspetti qawwija ta' minimizzazzjoni aggressiva tat-taxxa min-naħa ta' McD Europe Franchising Sàrl;
  - C. billi dawn il-prattiki jikkostitwixxu ksur tar-regoli stabbiliti mit-Trattati u l-leġiżlazzjoni sekondarja;
    1. Jitlob lill-Kummissjoni biex bla dewmien tiftaħ investigazzjoni rigward dawn il-prattiki;
    2. Jitlob ukoll lill-Kumitat Speċjali dwar Deċiżjonijiet fil-Qasam tat-Taxxa janalizza dawn il-prattiki;
    3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

<sup>3</sup> C(2012) 8806.

<sup>4</sup> COM(2015) 136.

<sup>5</sup> 2015/2566(RSO).

<sup>6</sup> SA.38375.

<sup>7</sup> SA.38944.